TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 163/15-F

**Edward Arrigo**

**vs**

**Francis Saliba**

Illum, 30 ta' Novembru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-26 t'Awwissu, 2015 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' seba' mitt ewro (€700), rappreżentanti prezz ta' hearing aid li kellha diversi problemi.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub fi żmien 18-il jum minn meta ġie notifikat bl-avviż tat-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara hearing aid għal prezz ta' seba' mitt ewro (€700), liema hearing aid kellha diversi problemi, fosthom illi kienet tixgħel u tintefa waħedha, illi kienet titlef is-settings ta' spiss u diversi problemi oħrajn. Illi minkejja li ngħata replacement ta' hearing aid oħra, xorta baqa' bl-istess problemi.

L-intimat issottometta bil-miktub illi kull ma kienet hija sitwazzjoni ta' aġġustamenti, u li l-hearing aid kienet tajba.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta, u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u għalhekk ma kkontestax din it-talba.

It-Tribunal, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' seba' mitt ewro (€700), u b'dan illi l-hearing aid tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**